# IX-XMARA

Lil hinn mix-Xatt l-Imbiegħed ta' dix-Xmara,
li nieżla dejjem tofrogħ taħt riġlejna,
lil hinn fil-bogħod tinfirex l-akbar Xagħra
li qatt ma raw għajnejna.
Fejn huma t-truf, ix-xefaq li jagħlaqha,
il-moħħ ma jilħaqx jara,
għax sħaba ċpar magħquda q'ed taħnaqha,
u star ta' dlamijiet mitluq ma' dwarha.

Minn fuq ix-Xatt tal-Qrib għal fuq l-Imbiegħed,
fuq l-ilma dejjem nieżel, kollu mdagħdagħ
bir-rawgħa bajdani tal-hemm,
taqsam,
fid-dalma moħbija li triegħed
Mogħdija li tgħarbel id-Demm.

U fuqha l-Ġilwa lejl u nhar għaddejja,
siekta, ħosbiena, bla ma tħares lura.
Jaqta' fid-dlam il-lbies bajdani tagħha,
li fih jaħbi l-egħmil tal-qlub misjura.
Merħla bla qies! Il-wieħed wara l-ieħor,
irġiel u nisa u tfal li tilfu l-kliem,
flimkien mexjin: il-fqir u s-sultan wieħed,
l-imgħallem u l-ħaddiem.

Għaddejjin... għaddejjin...
ħosbenin... imtarrfin...
sejrin....
Kulħadd miexi... sieket... miexi...
kulħadd sejjer minn triq waħda,
kulħadd miexi, għajnejh l-isfel,
kulħadd imħasseb biss fuq dak li sar;
ħsiebu biss li jgħaddi x-Xmara,
u jintilef,
u jinħeba,
u jintesa,
biex ħadd ma jaf min kien u ħadd fejn mar.

Arthur V. Vassallo

12 ta' April, 1937.